15 ta' Novembru, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Charles Pace et. ne. *versus* Philip Agius et. pr. et. ne.

**Obligazzjoni — Kawża Illeċita — Nullità — Konkorrenza Libera — Penali — Art. 1030 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 352(t) tal-Kodiċi Kriminali**

*Hija bla effett kwalunkwe obligazzjoni magħmula fuq kawża illeċita; u l-kawża hija illeċita meta hija projbita mill-liġi, jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni publiku; u konvenzjoni hija kontra l-ordni publiku meta hija kontra l-interess ġenerali.*

*Il-kwistjoni tal-legalità jew le tal-konvenzjoni minħabba kawża illeċita tista' tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio".*

*Huwa kontra l-interess ġenerali, u kwindi null, kull ftehim li jillimita l-konkorrenza libera. Biex tavvera ruħha din il-kontravvenzjoni għall-ordni publiku jeħtieġ jikkonkorru tliet elementi:— 1. Għaqda ta' nies tal-istess professjoni jew sengħa; 2. il-fehma ta' din l-għaqda li tgħolli jew traħħas il-prezz ta' xi ħwejjeġ jew ta' xi xogħolijiet, jew biex tagħmel xi kondizzjonijiet f'dak li jmiss il-klassi tagħhom; 3. u l-ħsara jew l-preġudizzju tal-publiku.*

*In kwantu għall-ewwel element, l-għaqda ma hemmx bżonn li tkun tal-membri kollha ta' dawk il-klassijiet; u kwantu għat-tieni element, huwa biżżejjed li jkun hemm il-konvenzjoni, mingħajr ma l-fini jkun ġie raġġunt, għax il-potenzjalità tal-att hija sufficjenti skond il-liġi tagħna.*

*Xejn ma jiswa li l-għaqda tkun ftehmet li l-prezz li biħ għandha tinbiegħ*

*il-merkanzija li tkun huwa fil-limiti permess mill-liġi; għax il-fatt li l-Gvern ikun stabbilixxa l-prezz massimu li bih għandha tinbiegħ dik il-merkanzija ma jfisserx illi l-istess merkanzija ma tistax tinbiegħ bi prezz anqas. U kwindi, għalkemm il-Gvern ikun stabbilixxa l-prezz massimu għall-bejgħ ta' dik il-merkanzija, huwa illeċitu u null il-ftehim bejn dik l-għaqda ta' nies li jobbligaw ruħhom li ma jbigħux minn dik il-merkanzija bi prezz anqas minn dak il-prezz massimu, ladarba l-Gvern ikun iffissa biss il-prezz massimu, u mhux ukoll il-prezz minimu.*

*Għaldaqstant ukoll, jekk l-obligazzjoni fis-sens fuq imsemmi tkun saret taħt penali li fiha kellu jinkorri min jikser dak il-ftehim u jbiegħ minn dik il-merkanzija bi prezz orħos minn dak stabbilit b'dak il-ftehim, dik il-penali m'hix eżiġibbli kontra min jikser l-istess ftehim.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-atturi nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha neċessarji, billi bi skrittura privata tad-29 ta' Novembru 1954 (dok. A), kif supplita b'dik tat-3 ta' Diċembru 1954 (dok. B), il-kontendenti, flimkien ma' Eucaristico Zammit u Joseph Xerri għad-ditta "E. Zammit & Joseph Xerri", ftehmu li matul l-istaġun 1954/55 kull ditta kellha timporta ċerta kwantità ta' żerriegħa tal-patata ta' kwalità determinata, bl-iskop li, wara li kull ditta tkun biegħet iż-żerriegħa tal-patata minnha mportata, il-profitti jew, skond il-każ, il-perditi (esklużi d-danni u l-ispejjeż fl-istess skritturi speċifikati) jiġu ripartiti f'ċerta proporzjon bejn it-tliet ditti interessati; u billi, fost pattijiet oħra, fil-klawsola numru (7) tal-ewwel skrittura fuq imsemmija ġie stipulat il-prezz tal-bejgħ ta' kull kwalità ta' żerriegħa tal-patata li kellha tiġi mportata, u fil-klawsola segwenti (8) tal-istess skrittura ġie miftiehem li, f'każ ta' neċessità ta' riduzzjoni ta' dawn il-prezzijiet, it-tliet ditti nteressati kellhom jik-konsultaw ruħhom ma' xulxin u jieħdu deċiżjoni unanimi u bil-miktub; u billi, kif jiġi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenuti proprio et nomine kkontravvenew għall-predetta klawsola numru (7), billi biegħu parti miż-

żerrigħa tal-patata minnhom importata taħt il-prezz hemm stipulat, u dan mhux biss bla ma kkonsultaw ruħhom u waslu fi ftehim fuq daqshekk mad-ditti l-oħra fit-termini tal-klawsola (8) fuq imsemmija, imma anzi ad insaputa u bil-moħbi tagħhom, jew almenu ad insaputa u bil-moħbi tad-ditta attriċi; u billi, fil-klawsola numru (14) tal-istess skrittura tad-29 ta' Novembru 1954, ġie konvenut li d-ditta li tonqos milli tottempera ruħha mal-pattijiet u kondizzjonijiet fl-istess skrittura stipulati, kellha titlef is-somma ta' £2000, garantita minn kull ditta għall-eżekuzzjoni u konklużjoni paċifika tal-operazzjoni in kwistjoni; prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti proprio et nomine, għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba, ikkontravvenew għall-klawsoli numru (7) u (8) tal-imsemmija skrittura privata tad-29 ta' Novembru 1954, u per konsegwenza nkorrew fil-penali kontemplata fil-klawsola numru (14) tal-istess skrittura, talbu li l-istess konvenuti proprio et nomine jiġu kundannati minn din il-Qorti li jħallsu lid-ditta attriċi s-somma ta' £1000 korrispondenti għal nofs l-ammont tal-penali fuq imsemmija. Salva kull azzjoni għad-danni, u bl-ispejjeż, u bl-imgħax kummerċjali kontra l-konvenuti proprio et nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Mejju 1957, li biha ddeċediet billi ċaħdet it-talba attriċi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jirriżulta li fl-istaġun 1954/55 il-Gvern alloka lill-importaturi taż-żerriegħa tal-patata l-allokazzjonijiet individwali. Meta waslet partita kbira minn dawk l-allokazzjonijiet, u oħrajn kienu fit-triq jew vjaġġ fuq il-baħar, il-gabillotti bdew jagħmlu l-offerti tagħhom għax-xiri, li kienu ferm anqas mill-prezz massimu li kien iffissa l-Gvern bil-Government Notice 260/1954 (Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Novembru 1954), u l-kontendenti, flimkien ma' oħrajn tal-istess mestjer, allura, biex jevitaw il-konkorrenza bejniethom, għamlu l-iskritturi Dokumenti

"A" (fol. 4 u 5) u Dokument "B" (fol. 6 tal-proċess), li bihom ftehmu li huma għandhom ibiegħu l-kwalitajiet importati bil-prezzijiet indikati fil-paragrafu (7) tal-ewwel skrittura, bil-fehma li ħadd minnhom ma seta' jraħħas fuq dawk il-prezzijiet mingħajr ma jkun hemm deċiżjoni unanimi bil-miktub bejniethom, taħt il-penali kontemplata fil-patt (14) tal-istess skrittura; u fit-tieni kitba stabbilew li għall-finijiet tal-kont "Profit and Loss" il-prezz tal-akkwist individwali, ikun kemm ikun, għandu jiġi kunsidrat ta' 41s. it-tunellata c.i.f. Malta. Jingħad ukoll li fl-ewwel skrittura jidher li l-firmatarji żammew l-indipendenza tagħhom (ara patt 6, 9, 10), ħolqu kont "Profit and Loss" sui generis komuni, imma fil-kotba separati tagħhom (ara esklużjoni mill-kont ta' bejniethom tal-items imsemmija fil-patti 9 u 10 u r-regolamenti tal-prezz tal-akkwist fittizju pattwit fit-tieni skrittura dok. "B" (dok. "B") perditi, spejjeż, u drittijiet ("charges") li normalment jinqatgħu mill-profitti li jirregolaw ruħhom fuq il-veru prezz tal-akkwist u l-prezz tal-bejgħ), u ppreskludew lill-xulxin mill-importazzjoni ta' żerriegħa tal-patata minn kullimkien, salvi l-eċċezzjonijiet menzjonati fil-patt numru (13) għal dik l-istess staġun (patt numru 5);

Illi mill-provi rriżulta wkoll li, għalkemm kien hemm allokatarji oħra barra mil-firmatarji ta' dik l-iskrittura, ħadd minnhom ma jidher li għamel użu mill-allokazzjoni li kellu; b'mod li ż-żerrigħa tal-patata għal dik l-istaġun kienet interament u assolutament f'idejn il-persuni morali li ħadu sehem f'dik l-istess skrittura;

Illi l-Gvern f'dak l-istess staġun, bil-Government Notice 260/1954, kien iffissa l-"maximum price" għall-bejgħ lill-bdiewa ta' Malta taż-żerriegħa tal-patata tal-"Arrow Banner (Ireland)" 24s. 6d. l-ixkora ta' 64 ratal; "Up to date (Ireland)" 27s. l-ixkora ta' 46 ratal, salvi l-"extra charges" ta' 1s. 3d. kull xkora għall-konsenja f'Għawdex, mentri ma jirriżultax li ffissa ebda "minimum price". Liema regolament jippresupponi li l-prezz minimu ġie mħolli fid-deter-

minazzjoni tiegħu skond il-konkorrenza libera u naturali bejn in-nies tal-istess negozju dwar l-oġġett in kwistjoni;

Il-kontendenti u firmatarji l-oħra tad-Dokument "A" ftehmu li ma jbiegħux "to any individual buyer, including farmers" il-kwalitajiet taż-żerriegħa tal-patata msemmija bil-prezz anqas minn dak fissat bħala "maximum" mill-Gvern; b'dan, però, li lis-sensala għamlulhom ir-riduzzjonijiet rispettivament imsemmija fil-patt numru (7), u bl-intelliġenza kontenuta fil-patt numru (8), fis-sens li ħadd mil-firmatarji ta' dik l-iskrittura ma seta', anki f'każ ta' neċessità ta' riduzzjoni tal-prezzijiet, ma jkun jista', taħt il-penali kontemplata fil-patt numru (14), jirriduċi l-prezz fissat bla ma jikkonsulta ruħu mal-obligati l-oħra u mingħajr deċiżjoni unanimi tagħhom bil-miktub;

Illi rriżulta wkoll mill-provi li xi uħud mill-importaturi taż-żerriegħa tal-patata akkwistawha b'anqas minn 41ls. it-tunellata c.i.f. Malta (ara depożizzjoni ta' Ġanni Muscat); b'mod li, kieku l-kontendenti u l-firmatarji ta' dik l-iskrittura ma ftehmux li jimponu l-prezz bejniethom stabbilit taħt il-penali msemmija u l-patt numru (8), il-publiku li kien interessat f'dik il-merkanzija kien ikun jista' jgawdi mill-konkorrenza naturali;

Jirriżulta wkoll mill-istess xhud li, meta Philip Agius, għan-nom proprju u tad-ditta minnu rappreżentata, ried ibaxxi l-prezz tal-merkanzija in kwistjoni fil-laqgħa li kellhom bejniethom il-firmatarji tal-iskrittura, il-proposta tiegħu ma għaddietx, u kwindi kollox baqa' miexi kif kien qabel — dak li minnu jitnissel illi, kieku ma kienx hemm dik il-konvenzjoni, in-neċessità tar-roħs tal-prezz, li effettivament inħolqot, kienet tiġi awtomatikament determinata, u l-publiku nteressat f'dik il-merkanzija kien ikun jista' jakkwistaha b'orħos, u mhux isofri d-dettatura tal-prezz kontenut fil-patt numru (7) ta' dik l-iskrittura;

Illi fuq dawn il-fattijiet din il-Qorti ssollevat "ex offi-

cio" l-kwistjoni tal-legalità jew le tal-konvenzjonijiet imsemmija fuq, kif sar drabi oħra minn dawn l-istess Qrati (ara Kummerċ 14 ta' Ġunju 1883, "Galea vs. Attard, Vol. X, paġ, 163; Kummerċ 20 ta' Jannar 1936, "Aveta vs. Pecorella"). Del resto, għall-mument, apparti l-liġi projbitiva (art. 352 ittra "t" tal-Kodiċi Kriminali), dan kien fissetgħa ta' din il-Qorti, l-għaliex skond l-art. 1030 tal-Kodiċi Ċivili hija bla effett kwalunkwe obligazzjoni magħmula fuq kawża illeċita, u skond l-art. 1033 tal-istess Kodiċi fuq imsemmi, ġie dikjarat li l-kawża hija illeċita meta hija projbita mill-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni publiku; u konvenzjoni hija kontra l-ordni publiku meta hija kontra l-interess ġenerali;

Illi, inoltre, jingħad li bil-patt numru (8) il-firmatarji ta' dik l-iskrittura "uti singuli" ma setgħux jistabbilixxu prezz divers minn dak stabbilit, non ostante li fil-mument forsi kien aktar jikkonvjeni lilhom individwalment, trattandosi ta' merkanzija deperibbli; u kwindi l-libertà tagħhom kienet mhux aktar integra u sħieħa, bi preġudizzju għall-publiku nteressat fl-oġġett tal-kuntrattazzjoni; u bħala konsegwenza, dik il-preklużjoni kienet kontra l-ordni publiku, li jirrikjedi l-akbar u l-aqwa libertà fil-kummerċ. Minflok, il-firmatarji ma approvawx il-proposta ta' roħs ta' Philip Agius, li naturalment ġiet magħmula biex il-patata in kwistjoni tinbiegħ b'orħos anzikkè titħassar, u pprefe-rew li jkun hemm dak it-telf individwali pattwit sabiex isostnu l-kondizzjonijiet li huma mponew lil xulxin — dak li indubbjament jirrifletti fuq il-publiku nteressat fl-oġġett "de quo";

Illi, kwindi, l-iskrittura tikkontjeni materja li hija kuntrarja għall-ordni publiku;

Illi, apparti minn dawn ir-riflessjonijiet, skond l-art. 352 ("t") tal-Kodiċi Kriminali, meta jikkonkorru t-tliet elementi hemm imsemmija, tavvera ruħha l-kontravven-

zjoni kontra l-ordni publiku, u kwalunkwe ftehim li jitmissel huwa null għax ikun illeċitu. Dawn l-elementi huma:—

1. L-għaqda ta' nies tal-istess professjoni jew sengħa; liema għaqda m'hemmx bżonn li tkun tal-membri kollha ta' dawk il-klassijiet; —

2. Il-fehma ta' din l-għaqda li tgħolli jew traħħas ilprezz ta' xi ħwejjeġ jew ta' xi xogħlijiet, jew biex tagħmel xi kondizzjonijiet f'dak li jmiss il-klassi tagħhom; u għal dan l-element huwa biżżejjed li jkun hemm il-konvenzjoni, mingħajr ma l-fini jiġi raġġunt; l-għaliex il-potenzjalità talatt hija suffiċjenti skond il-liġi tagħna; —

3. U l-ħsara jew il-preġudizzju tal-publiku;

Illi m'hemmx kwistjoni li l-ewwel element jikkonkorri; għaliex il-firmatarji ta' dik l-iskrittura huma kollha persuni tal-istess sengħa (importaturi taż-żerriegħa tal-patata) raggruppati f'persuni morali indipendenti u differenti, u li kellhom u għandhom dak l-istess "business", u li skond ilprovi kienu l-uniċi importaturi ta' din il-merkanzija fl-istaġun imsemmi;

Lanqas jista' jingħad li ma kkonkorriex it-tieni element; l-għaliex, meta l-firmatarji mponew lil xulxin il-patt numru (7) bl-azzjoni "ad libitum" tad-deċiżjoni unanimi tagħhom kontenuta fil-patt numru (8) fil-każ ta' neċessità ta' roħs, huma kienu, b'dawk il-kondizzjonijiet, qegħdin joqtlu l-libertà tal-kummerċ għal dak li kien jirrigwarda prezzijiet inferjuri għal dawk fissati, li, kif jidher mill-provi, ma setgħux, ħlief in forza ta' dik il-kolluzjoni, jiġu sostnuti. Meta l-Gvern iffissa l-"maximum price", ċertament ma eskludiex il-bejgħ bi prezzijiet inferjuri għal dawk fissati, u ma ntitolax lill-ebda għaqda ta' nies tal-istess sengħa, li tinħoloq biex tmantni dak l-istess prezz, biex dik l-istess għaqda tapprofitta ruħha mis-sitwazzjoni u ċirkustanzi favorevoli ħalli, f'lok tagħmel qliegħ raġjonevoli, tagħmel

qiegħ rilevanti bi profitti individwali għad-dannu tal-interess ġenerali. Dan huwa l-ispiritu ta' dan l-artikolu li qiegħed jiġi eżaminat. Li l-firmatarji kellhom f'rashom, bl-unjoni li għaqqdu, li jeskludu kemm jista' jkun il-prezz orħos minn dak fissat, jidher ukoll mill-patt numru (4), fejn saret il-kondizzjoni li "Zammit & Xerri", li rriżervaw l-azzjoni li jġibu ż-żerriegħa tal-patata oltre dik li kellhom iġibu skond il-patt numru (2), ma kellhomx jesponu għall-bejgħ, jew aħjar ibiegħu, dik il-partita qabel ma' l-karigi l-oħra provenjenti mill-Irlanda tan-North u l-Irish Free State ikunu ġew mibjugħa jew rimossi minn fuq il-moll;

Fl-aħħarnett, jingħad li b'dik l-iskrittura kien hemm preġudizzju għall-publiku; l-għaliex, kieku ġiet imħollija l-libera konkorrenza bejn il-firmatarji, l-istess publiku kien ikun jista' jixtri l-merkanzija msemmija b'orħos;

Illi, kwindi, l-iskritturi msemmija huma illeċiti, għax jikkontjenu kondizzjonijiet kuntrarji għall-ordni publiku; u per konsegwenza minnhom ma titnissel ebda azzjoni ċivili;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, li biha dawn appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu r-revoka tas-sentenza appellata u li jiġu akkolti t-talbiet tagħhom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Bejn il-kontendenti odjerni ma tagħmelx stat is-sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru 1956 (Ċitz. 631/1955) fl-ismijiet "Agius vs. Pace et."; għax it-talba kienet ġiet rinunzjata in kwantu diretta kontra Pace u Muscat. F'dan il-proċess ma ġiex sollevat l-inċident tar-"res judicata" għal raġunijiet ovvji, u għalhekk din id-dikjarazzjoni dwar il-ġudikat qegħedha ssir mhux bħala deċiżjoni ta' inċident,

imma sempliċement għall-iskjariment tal-pożizzjoni tal-partijiet, speċjalment minħabba l-atteġġjament ekwivoku tal-appellanti odjerni, li kienu kostretti jassumu dan l-atteġġjament minħabba l-inċertezza tal-eżitu tal-appell fil-mument li ġiet minnhom preżentata l-petizzjoni;

Ikkunsidrat, dwar il-pont tal-validità tal-iskrittura fuq imsemmija, kif supplementata bl-oħra;

L-art. 352 ("t") tal-Kodiċi Kriminali, li hu a bażi tal-inċident tal-illiċejità tal-iskrittura, u li kien, qabel, l-art. 339 no. 24, ġie ispirat mill-leġislazzjoni franċiża u ġie mantenut fil-Kodiċi Patriju non ostanti l-oġġezzjonijiet ta' Jameson, li kien inkarikat jirrivedi l-proġett tal-Kodiċi Malti. Għalhekk, għall-finijiet tal-interpretazzjoni, wieħed għandu jirrikorri għall-kommenti tal-Kodiċi Franċiż, u mhux għal dawk tal-Liġi Ingliża jew Taljana (ara studju ta' din id-dispożizzjoni fl-Appell Kriminali "La Polizia vs. Borg", 9 ta' Marzu 1929, Kollez. Vol. XXVII-IV-706);

Illi din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti tal-Ewwel Grad, u tadotta r-raġunamenti li hemm a bażi ta' dik il-konklużjoni. U żżid dawn il-konsiderazzjonijiet:—

Fil-patt (8) il-kontraenti obligaw ruħhom li, f'każ li jkun jeħtieġ jirriduċu l-prezz tal-patata, jikkonsultaw lil xulxin, u d-deċiżjoni tar-roħs għandha tkun unanimi. Hu ċar li b'daqshekk qegħedha tiġi koartata l-libera konkorrenza, li hi fattur ekonomiku li jġib ir-roħs. Infatti, f'din il-kawża stess l-atturi qegħdin appuntu jinkolpaw lill-konvenuti, bis-saħħa ta' l-iskrittura, talli raħħsu l-prezz;

Fil-patt (13) il-kontraenti llimitaw l-importazzjonijiet rispettivi. Hu ovvju li b'daqshekk huma kienu qegħdin jirriduċu l-offerta, li flimkien mad-domanda tikkostitwixxi l-bażi tal-prezzijiet;

Inutili jingħad li l-prezz miftihem kien fil-limiti permessi mill-liġi, li stabbiliet il-prezz massimu, għaliex hu ċar li l-Gvern, meta jiffissa l-prezz massimu, jieħu in konsiderazzjoni il-kondizzjonijiet tas-suq, u appuntu l-konvenzjoni bejn il-kontendenti kollha, jew seta' potenzjalment ikollha, l-effett li tiddetermina dawk il-kondizzjonijiet kif jidhrilhom il-kontraenti fl-interess partikulari tagħhom, u mhux tal-publiku, u l-prezz massimu allura jkollu bilfors jiġi stabbilit in bażi għal dawk il-kondizzjonijiet, li bihom il-fatturi ordinarji ekonomiċi kienu qegħedin jiġu soppressi jew żnaturati għav-vantaġġ tal-kontraenti u bi preġudizzju potenzjali tal-publiku. Għall-integrazzjoni tarreat l-artikolu fuq imsemmi (u l-konsegwenti applikabilità tal-art. 1097 Kap 23) hi biżżejjed, skond il-Liġi Maltija, il-potenzjalita' tal-att, mingħajr ma hemm bżonn li, fil-fatt, il-fini jkun ġie raġġunt;

Kwantu għall-ispejjeż, hemm lok għal temperament, għax l-eċċezzjoni ġiet sollevata "ex officio" mill-Ewwel Qorti, u għax tant l-atturi kemm il-konvenuti ħadu parti fl-iskrittura, u t-tnejn qegħedin jinvokawha f'din il-kawża u fl-oħra fl-ismijiet invertiti fuq il-lista tal-lum;

Għalhekk tiddeċidi billi, għall-motivi tal-Ewwel Qorti, li huma adottati, u dawk fuq imsemmija;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; iżda, kwantu għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi, tordna li dawn jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru bin-nofs.